



Dokument ta' sessjoni

B8-1408/2016

19.12.2016

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar l-industrija tad-demolizzjoni tal-bastimenti

Mireille D'Ornano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-industrija tad-demolizzjoni tal-bastimenti

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-flotta tad-dinja tammonta għal 90 000 bastiment u li minnhom jiġu skreppjati madwar 3 000 kull sena, u li din iċ-ċifra se tiżdied bil-kbir fis-snin li ġejjin;
- B. billi l-globalizzazzjoni wasslet lill-industrija tad-demolizzjoni tal-bastimenti biex jirrilokaw f'pajjiżi b'pigi baxxi fejn ta' spiss il-ħaddiema jkunu esposti għal sustanzi perikolużi.
- C. billi l-Artikolu 6 tat-TFUE jiddikjara li l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza li tiegħu azzjonijiet sabiex tappoġġa, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-industrija;
- D. billi l-Artikolu 153 tat-TFUE jagħti lill-Unjoni Ewropea s-setgħa li tadotta direttivi fil-qasam tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema;
- 1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea:
 - tappoġġa politika Ewropea ta' industrijalizzazzjoni fil-qasam tad-demolizzjoni tal-bastimenti;
 - tippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-ħaddiema, u speċjalment tal-prinċipji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, fit-tarzni taż-żarmar tal-bastimenti.